**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Louise Calleja)**

**Vs**

**Roderick Vella**

Kump Nru: 565/2012

Illum 27 ta' Novembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roderick Vella detentur tal-karta tal-Identita' Nru 0420585M

Talli fil-Gzira u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Biex jissodisfa z-ziena ta' haddiehor gieghel bil-vjolenza persuna tal-eta' u cioe lil Ommis ghall-prostituzzjoni, liema reat sar bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh, u dan bi ksurtal-Artikolu 205 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ommis kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz sabiex l-imsemmija Ommis kienet imgieghla taghmel il-prostituzzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 86 u 87(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti minn fuq qliegh tal-prostituzzjoni ta' Ommis u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

5) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Ommis f'periklu car, ikkaguna hsara tal-gisem jew fis-sahha taghha u kkagunalha ferita ta' natura hafifa u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Uza l-vjolenza sabiex igieghel lil Ommis taghmel xi haga u cioe' tipprostitwixxi ruhha u dan bi ksur tal-artikolu 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Ommis, l-familja taghha u xi persuni ohra, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fejn gew indikati l-artikoli li tahthom jista' jkun hemm sejbien ta' htija u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**Ikkunsidrat**

Illi **Ommis** xehdet[1] li hija ghamlet rapport lill-Pulizija fuq Roderick Vella dwar prostituzzjoni. Hija kienet damet seba' snin gharusa mieghu. Tghid li r-relazzjoni taghhom waqfet f'nofs Lulju 2011. Tispjega li ma kienux ighixu flimkien billi kienu jghixu ghand il-

[1] Seduta tat-13 ta' Gunju 2012

ġenituri rispettivi tagħhom. Tgħid li lejn Marzu 2011 hija bdiet tinnota certu aġir fih u bdiet tissuspetta hażin u bdiet ġieli issegwih bil-karozza. Darba minnhom sabitu ma' tfajla, Shanelle Farrugia. Tgħid li l-imputat beda jsawwatha u jsir aggressiv magħha. Tirrakkonta kif darba sabitu l-Gżira fil-karozza tiegħu, fetħitlu l-bieba u ratlu handbag. Meta affaccjaha bagħtha d-dar iżda hija rrifjutat. Imbagħad rat tfajla ġejja u din staqsietha lix-xhud min kienet u din weġbitha li kienet it-tfajla ta' Roderick Vella. Din weġbitha li l-imputat kien qalilha li ma kienux għadhom flimkien. Qaltilha wkoll li hija kienet tagħmel xogħol ta' prostituzzjoni. Bdew jiġġieldu u telqu minn fuq il-post biex imorru jitkellmu x'imkien ieħor.  Roderick Vella saq u miegħu telgħet Shanelle Farrugia u x-xhud saqet warajhom. Imbagħad rikbet magħhom fil-karozza u Shanelle Farrugia bdiet tkellimha u tgħidilha li l-imputat m'għamlilhiex sew. Tgħid li l-imputat diġa' kien qiegħed isawwatha minn qabel. Huwa beda jgħajjat magħha u niżlu l-Gżira u l-imputat ġegħlha tagħmel xogħol ta' prostitzzjoni sakemm ma baqgħetx miegħu fir-relazzjoni. Dan kien lejn nofs Marzu. L-imputat qalilha biex tmur u Shanelle Farrugia qaltilha x'kellha tagħmel u titlob lill-klijenti €40. L-imputat mar xtralha l-condoms u bdiet titlajja. Kienu jieqfu n-nies u kienet titlobhom l-€40. L-imputat qalilha li riedet iżżommilhom bil-ħin għaxar minuti. Kif titlaq minn magħhom tgħidlu. Qalet li ġieli kien imur warajha u jistenna sakemm tlesti biex imbagħad iwassalha fejn kienet titlajja u kif jaslu kien jitlobha l-flus kollha.

Hija tgħid li kienet tiltaqa' mal-klijenti fejn il-bus-stop fejn Paul & Rocco u kienu jmorru f'post imwarrab u l-imputat kien jistennieha. Huwa ġegħelha tikri flat għal €250 fil-ġimgħa biex jieħu aktar flus u biex hija tkun sigura għax iċ-CIDs kienu qed iwaqqfuha. Bdiet tagħmel ix-xogħol ta' prostituzzjoni minn ġo fih. Dan kien faccata ta' Paul & Rocco. Mal-klijenti kienet tagħmel atti sesswali w dejjem użat il-kontraċettiv. Il-condoms kien jixtrihom l-imputat. Mhux dejjem kien ikollha l-istess ammont ta' klijenti kuljum – 20/25/30 skont ix-xogħol.  Il-flus kien jeħodhom l-imputat u meta ma kienitx ittihomlu kien isawwatha. Kellha tbengila minn sidirha sal-polz u ssostni li għadha tbati biha għalkemm prova ta' dan ma ngabitx. Tgħid li hija kienet taħdem ġewwa supermarket u li l-imputat kien iġegħlha tħallaslu l-kont tal-mowbajl, laptop, kienet ittih il-flus, u saħansitra l-loan tal-karozza ħallsitha hija. Kien gabha bla flus. Isawwatha u jgħajjarha. Darba minnhom taha xebgħa għaliex m'għamlitx €40.

Tghid li ghandha certifikat u darba marret l-Appogg biex tkellem psikjatra imma ma baghtux ghaliha.

Qalet ukoll li kellha kaz iehor mal0imputat ghaliex taha xebgha u heddidha b'imqass ghaliex ried mara ohra f'relazzjoni maghha u m'accettatx. Tghid li nonostante l-kaz pendenti l-imputat hareg bil-bail xorta raha u taha xebgha. Hija baqghet tibza' minnu. Tghid li ommha gieli rathom il-griehi fuqha. L-ahhar darba li refa' jdejh fuqha kien f'nofs Lulju meta riedha jkollha relazzjoni ma' mara u hija ma rieditx u spiccat minn mieghu ghaliex kien wisq aggressiv.

Ix-xhud tkompli li l-imputat kellu karozza Volkswagen, ghamla Golf, Registrazzjoni Numru LCP 674. Mistoqsija mill-gdid kif bdiet ix-xoghol tal-prostituzzjoni regghet irrepetiet dak li kienet qalet qabel. Tghid li hija marret ghaliex beda jghajjat naghha, jsawwatha u kien aggressiv maghha. Hija bdiet tmur ghaliex kienet tibza' minnu. Rigward il-flus, hija kien ikollha taghtihomlu u huwa kellu kont mal-BOV u filghaxija kien igeghlha titfa' l-flus fl-envelope u tiddepozitahom gol-ATM fil-kont tal-bank tieghu, u xi drabi kien izzomm il-flus ghalih. Dan il-kont kien savings account mal-Branch tal-Mosta. Kienet taghmel depozitu kwazi kuljum u meta ma kienx ikun hemm xoghol kien izommhom fil-kartiera. Hija baqghet tipprostitwixxi ruhha minn Marzu sa Lulju ghaliex kien isawwatha. Kif tispicca mix-xoghol tas-supermarket kien ighidilha biex tmur tinhasel ha jmorru u meta kienet tirrifjuta kien iwaddbilha l-affarijiet. Anki ma tiflahx kien ikollha tmur. Tispjega li imbaghad keccewha mis-supermarket ghaliex billi kien qed isawwatha u kien ikollha t-tbengil bdiet tisthi tmur u hadet hafna sick-leave.

Hija spjegat li l-imputat kellu c-cwievet tad-dar ta' ommha u gieli filghaxija kien jistenniha hemm. Darba minnhom tghid li kien rieqed ghandha u billi kienet qed tissuspetta hazin fih marret tqalliblu fil-karozza u fl-arm rest sabitlu curkett ta' ommha. Dan hadu mis-safe ta' ommha billi huwa gieli ra lix-xhud tifthu. Huwa ha hafna affarijiet mid-dar tal-genituri taghha. L-imputat kien ighajjarha mahmuga u kien ighidilha li maghha ma jmurx ghax mahmuga u kien qed imur ma' mara ohra, Mary Aqulina, li flimkien maghha ried li jkollu *threesome.* Meta kienet tmur il-Gzira kienet tmur wara fejn hemm l-A1, fejn jipparkjaw il-karozzi, faccata tal-gnien jew inkella fejn l-istage fejn Paul & Rocco u wara fil-flat. Mistoqsija jekk dwar il-flus li kienet tghaddilu u li kienu qed jigu depozitati l-imputat kienx jaf li gejjin ix-

xoghol tal-prostituzzjoni wiegbet fl-affermattuv. Kien johdilha kollox. Kien jistenniha, imbaghad fil-karozza timla' l-envelope u kemm tmur tiddepozitahom. Kif tlesti minn klijent kien imur hdejha u johdilha l-flus.

In kontro-ezami, ix-xhud qalet li ghall-flat hija kienet thallas lil wahda jisimha Claire u dan mill-flus tal-prsotituzzjoni. Hija kienet ittih il-flus kollha u meta kienet thallas il-kera kien itiha l-flus. Dwar id-depoziti tal-flus damet hekk minn Marzu sa Lulju, forsi hemm xahar nieqes. Bhala hinijiet spjegat li fil-flat kienet tahdem mill-hamsa ta' filghaxija sa nofsilejl u fit-triq mit-tmienja/disa' ta' filghaxija sas-siegha/saghtejn ta' filghodu. Gieli waqqfuha l-pulizija izda qatt ma mexxew kontriha. Gordon Schembri huwa l-boyfriend prezenti taghha u kien ilu hekk ghal madwar disa' xhur. Hija cahdet li kien Schembri li dahhalha fil-prostituzzjoni. Tghid li ltaqghet ma' Schembri fis-17 ta' Lulju u ma' Vella spiccat fil-15 ta' Lulju. Ma' Schembri qatt m'ghamlet xoghol ta' prostituzzjoni.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012 ezebiet certifikat mediku[2] bid-data tal-ezami 19 ta' Lulju 2011, minn fejn jirrziulta li kellha diversi griehi kollha ta' natura hafifa.

**Shanelle Farrugia**[3] tghid li hija saret taf lill-imputat xi tlett snin qabel ghax kien klijent taghha fil-prostituzzjoni. Huwa kien imur kwazi kuljum. Imbaghad darba minnhom kienu f'karozza f'Golf bajda ta' Ommis, imma li l-imputat ighid li hija tieghu, u marret Ommis u qaltilha li dak kien l-gharus taghha. Tellaghha fil-karozza u qalilha biex taghmel il-prostituzzjoni. Daret fuq ix-xhud u staqsitha x'riedet taghmel. Ix-xhud qaltilha li ma xtaqithiex tghaddi milli kienet ghaddiet hija. L-imputat kien prezenti. Imbaghad sawwatha fuq idha u Michelle bezghet u nizlet. L-ghada id Michelle kienet kollha blu. Taha daqqa ta' ponn waqt li kienu fil-karozza. Ix-xhud kienet tkun hdejn l-imputat kuljum. Ommis kienet taghmel dan ix-xoghol kuljum. Darba minnhom urietha l-messaggi u qaltilha li hija gahddiet minn dak li kienet ghaddejja hija u riedet tahrab minnu. Ix-xhud qaltilha li hija ma kinitx thobbu lill-imputat u li huwa kien imur bhala klijent. Izda Ommis baqghet tittama li kien ihobbha u baqghet mieghu u hi tant harquha li qatghathom. Ix-xhud ikkonfermat li rat lill-imputat isawwat lil Ommis diversi drabi. Kien itiha bic-crieket. Dejjem b'idejh

[2] Dok MM1 a fol 117 tal-process
[3] Seduta tat-18 ta' Gunju 2012

u dejjem imbengla. Ix-xoghol tal-prostituzzjoni kienet taghmlu ghax kien igeghlha l-imputat. Hija kienet tahdem filghaxijiet ghax ma kellhiex flat. Filghodu Ommis kienet tahdem f'spermarket. Tghid li Ommis kienet tiddepozitalu l-flus tal-prostituzzjoni gol-bank, darba minnhom marret maghha. Jidhrilha li Ommis hadmet madwar tlett xhur fis-sena 2011. Tkompli li hija ppruvat tifthilha ghajnejha ghax ghaddiet mill-istess esperjenza. L-imputat kien joqghod idur sakemm hija kienet tmur ma' xi had. Mistoqsija kellhimix xi had dan l-ahhar, qalet li hija qeghda l-habs u meta tkun il-lock up dak li kien ghaddiha mill-istess esperjenza jibda jitfa' l-botti biex ma tixhidx.

In kontro-ezami[4] Farrugia kkonfermat li l-flus li Ommis kienet taghmel il-Gzira kien jaghtih lilha. Hija spjegat li kienet taghmel xoghol ta' prostituzzjoni, u l-imputat ried li hija taqta' x-xoghol u kien jaghtiha l-flus u lil Ommis kien inizzilha biex tipprostitwixxi ruhha. L-ewwel darba li ltaqghet maghhom, ix-xhud kienet mal-imputat u Ommis marret hdejhom u qabdet lill-imputat max-xhud. Din bdiet tibki u tghajjat u huwa qalilha *trid tigi, ejja imma trid tinzel hemm* u hija accettat. Ix-x hud tghid li l-imputat tahilha go wiccha lil Ommis. Ma ftakritx ezatt. Kien hemm argument. Wara li nizlet l-ewwel darba, l-ghada u l-pitghada Ommis qaltlu hija biex imorru l-Gzira. Tghid li hija imbaghad iggieldet minn maghhom ghax hija damet tifthilha ghajnejha lil Ommis u tghidilha biex titilqu. Qaltilha li kien qed jaghti l-flus lilha, mhux dejjem l-istess il-bicca l-kbira €50 u gieli €30. Qalet li issa kienet ilha tlett snin ma taghmel xoghol ta' prostituzzjoni. Cahdet li qatt tressqet il-Qorti fuq xi rapport falz.

**L-Ispettur Louise Calleja**[5] xehdet li rceviet kwerela ghan-nom ta' Ommis fil-bidu tas-sena 2012 fejn f'din il-kwerela kien hemm allegazzjoni li l-istess kwerelanta kienet qed tintbaghat ghall-prosttuzzjoni gewwa L-gzira mill-ex-sieheb taghha certu Roderick Vella fil-perjodu bejn Marzu 2011 u Lulju 2011 u l-flus li kienet tiehu kienet tghaddihom kollha lilu. B'hekk ittiehdet stqarrija guramentata ta' Ommis fis-16 ta' Marzu 2012 fejn spjegat li kellha relazzjoni mal-imputat ghal seba' snin. Fis-sena 2011 bdiet tara li jikkomporta ruhu b'mod differenti mis-soltu. Kien qed johrog hafna wahdu u ddecidiet li darba tara fejn ikun u sabitu gewwa l-area tal-Gzira u huwa kien qieghed ma' tfajla ohra, Shanelle, u kienu qeghdin fil-karozza tieghu. Meta ratu u kkonfrontatu spjegalha li Shanelle kienet Habiba tieghu u

[4] Seduta tal-24 ta' Novembru 2014
[5] Seduta tal-25 ta' Lulju 2012

li kienet prostituta. Kien qal lil Ommis biex tibda taghmel xoghol ta' prostituzzjoni fl-area ta' Gzira. Beda jgeghlha tmur titlajja u thajjar lill-klijenti fil-vicinanza tal-pompa ta' Paul & Rocco u qalilha li riedet tistieden lill-klijenti u ttihom servizz sesswali, komplut bl-intercourse, ghall-prezz ta' €40. Hija minn dejjem kienet tibza' naqra minnu u kienet submissive. Bdiet taghmel dan ix-xoghol u kienet tmur filghaxija kienet anke taghmel sa €400 ta' lejl u l-flus kienet tghaddihom lill-imputat jew kienet tmur tiddepozitahom gewwa l-account li ghandu mal-BOV. Bdiet f'Marzu 2011 u baqghet sal-11 ta' Lulju 2011. Dakinhar kienet marret fil-karozza tal-imputat, sakkarha fil-karozza u beda jsawwatha ghax ried threesome. Hija tbenglet u anke ommha rat it-tbengil. B'hekk inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat li wara li kkonsulta mal-avukat tieghu rrilaxxja stqarrija u cahad l-allegazzjonijiet. L-Ispettur kellmet ukoll lil Shanelle Farrugia li min-naha taghha kkonfermat li Ommis kienet qed tigi sfurzata tmur ghall-prostituzzjoni mill-imputat u qalet ukoll li rat it-tbengil fuq Ommis.

In kontro-ezami[6] xehdet li Ommis kkonfermat l-istqarrija taghha bil-gurament. Kienet tkellmet ukoll ma' omm Ommis u ma' Shanelle Farrugia. Mistoqsija jekk kinitx ivverifikat jekk Farrugia qattx kienet xehdet il-falz kontra persuni ohrajn, wiegbet li ma dejrilhiex li kien il-kaz. Tghid li hija ghamlitha cara lil Farrugia li jekk kien se jirrizulta li jekk dak li kienet qed tghid ma kienx minnu hija kellha l-obbligu li tiehu passi kriminali kontriha. Hija ma ratx kontijiet bankarji ta' Ommis. Mistoqsija x'investigazzjoni wettqet rigward dak li qal fl-istqarrija l-imputat u cioe' abbuz ta' droga tghid li kellmet lill-kwerelanta, hija baghtet ghaliha diversi drabi u dejjem cahdet. Tghid li hija ma ratilha ebda daqqiet bil-labar kif allega huwa.

**Brian Farrugia**[7] xehed li Volkswagen Golf ta' kulur abjad, Registrazzjoni Numru LCP 674 hija registrata fuq l-imputat sa mill-1 ta' Ottubru 2010 u ghadha hekk registrata.

**Romwald Attard**[8]**,** in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc, intalab jipprezenta kontijiet f'isem l-imputat bejn Jannar 2011 sa Lulju 2011.

---

[6] Seduta tal-11 ta' Mejju 2015
[7] In rapprezentanza ta' Transport Malta
[8] Seduti tas-17 ta' Ottubru 2012 u 25 ta' Frar 2013

**Connie Mizzi**[9]**,** omm Ommis, xehdet li l-imputat kien guvni sew fil-bidu tar-relazzjoni ma' bintha. Kien imur ta' sikwit ghandha. Ghamel habta jghix maghha ghax tkecca mid-dar. Hija bdiet tinnota lil bintha tonqos, imdejqa u filghaxija tistenniha tmur lura d-dar u tistaqsi kienitx tajba u hija kienet tghidilha iva u meta kienet tistaqsiha kienitx qed tibki kienet twegibha le. Darba nnutatilha tbengila taht ghajnejha. Ghadda z-zmien u bdiet tara li l-affarijiet bejn bintha u l-imputat bdew sejrin lura. F'Lulju 2011 rat li bintha fis-shana kienet liebsa flokk bil-kmiem twal u kien taha hass hazin u bdiet ixxarbilha wiccha u sabitilha *zewg black eyes, idejha vjola hawnhekk, nehhejtilha t-top u nsibiliha mill-minkeb, on her right hand side, mill-minkeb sa sidirha iswed, iswed fahma.* Imbaghad ix-xhud marret tkellem lill-omm l-imputat u din qaltilha li ma kinitx taf x'kien qed jigri. Tghid li fid-dar ghandha bibien bid-daqqiet ta' ponn, friza u ma tafx biex. Tghid li ghall-bidu bintha ma riedtx turiha kollox. Tirrakkonta meta f'nofs Lulju cemplilha l-imputat ighajjarha u jidghi, riedha tiltaqa' mieghu u spicca sawwatha. Sar rapport u l-kaz gie deciz. Bintha qaltilha li l-imputat kien qed jehodha l-Gzira biex tipprostitwixxi ruhha. Hija nkuraggitha taghmel rapport izda ghall-bidu bintha ma rieditx ghax bdiet tibza' minnu.

**Gordon Schembri**[10]**,** xehed li kien ilu f'relazzjoni ma' Ommis madwar sena w nofs/sentejn. Hija qaltlu li kellha problemi mal-imputat minhabba l-karozza, li kien inizzilha ghall-prostituzzjoni u kien isawwatha. Huwa kien ra xi tbengil f'idejha. Kien huwa li hadha l-klinika tal-Furjana. Qal li l-imputat giriflu l-vann, tah xebgha, mar ikissirlu l-bieb tad-dar u kisser il-bieb ta' ommha. Huwa ghamel rapporti dawr dan. In kontro-ezami qal li meta kellha t-tbengil kienu ghadhom hbieb, kemm iltaqghu.

**Claire Magri**[11] xehdet li ltaqghet darba mal-imputat u kellu tfajla mieghu. Din kienet cemplitilha u staqsitha rigward post il-Gzira biex tikrihulu u ltaqghet maghha u krietulha €200 fux-xahar. Kienet ghamlet xi erbat ijiem mal-partner taghha u imbaghad cemplitilha u qaltilha li ma kienitx baqghet mal-boyfriend taghha. Il-flat huwa faccata tal-istage u l-pompa tal-petrol ta' Paul & Rocco.

[9] Seduta tal-5 ta' Novembru 2012
[10] Seduta tat-30 ta' Mejju 2013
[11] Seduta tat-30 ta' Mejju 2013

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija fid-29 ta' Mejju 2012 wara li kien ikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu.

L-**imputat** xehed[12] li huwa kien f'relazzjoni ma' Ommis ghal madwar seba' snin u jghid li f'temp ta' xahrejn spiccaw. Huwa cahad li qatt uza vjolenza fuqha. Qal li lil Shanelle Farrugia jafha biss minn wiccha ghax kien jaraha titkellem ma' Ommis. Jghid li qatt ma kera appartamenti fil-Gzira u qatt ma rrisjeda hemm. Ighid li fiz-zmien tar-relazzjoni kien jahem. Dwar il-Volkswagen Golf jispjega li kien xtraha mill-Ingilterra. Kienet inxtrat bejnu u Ommis u kienu hadu self u l-karozza kienet tithallas bejniethom u kellhom karta bejniethom fuq hekk. Kif temmew ir-relazzjoni l-karozza thallset kollha. Dak iz-zmien ma kellux proprjeta' tieghu. In kontro-ezami qal li r-raguni li ntemmet ir-relazzjoni kienet minhabba li xi membri familjari tieghu rawha go flat f'Bugibba. Kien ghamel rapport dwar dan lill-Pulizija il-Mosta. Huma spiccaw mir-relazzjoni fis-17 ta' Lulju 2011 u jiftakar ghaliex kien il-birthday taghha. Hija kienet tahdem go supermarket u kienet taghmel id-dwiefer. Huma kienu jiltaqghu filghaxija. L-imputat isostni li qabel ma' Shanelle Farrugia telghet tixhed hija ftehmet ma' Ommis kif kellha tixhed. Qal li sena qabel il-kaz tieghu ltaqa' ma' Ommis u marru hadu kafe' u wrietu statement li ppruvat taghmel kontrih ma' Spettur id-depot u dan qalilha li kien messha tisthi li kienet qed taghmel hekk. Huwa qal li lill-pulizija tal-Vice-Squad qalilhom. Jichad li qatt avvicina lil Shanelle Farrugia minhabba xoghol tal-prostituzzjoni ghax wiccha biss jaf. Qal li waqt ir-relazzjoni hija kienet hadet self ghall-karozza u huwa kien ihallasha parti mis-self. Kif spiccaw huwa hallas il-karozza, *paid in full,* u ffirmatlu xi karti. Huwa ma jafx bid-depoziti li kienu qed isiru kwazi ta' kuljum fil-Bank. Il-firma mhux tieghu. Kollox kien ihalli f'idejha dak iz-zmien. Huwa cahad li kien iwassalha biex tiddepozita l-flus li kienet iddahhal dakinhar stess mix-xoghol tal-prostituzzjoni. Baqa' jghid li l-firma mhux tieghu. Ighid li m'ghamilx rapport dwar dan, imma l-avukat tieghu qalilhom lill-pulizija. L-account qabad u nehhih madwar erba' snin qabel ix-xhieda. Qal li c-certifikati prezentati kienu meta ma kienux flimkien mhux kif suggerit mill-ufficjal prosekutur. Qal li meta mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Mosta kulhadd ghalaqlu l-bieb f'wiccu.

**Ikkunsidrat**

---

12

Il-Qorti ghandha quddiemha versjonijiet kunfliggenti. Il-prosekuzzjoni u l-parte civile jallegaw li l-imputat li kien ilu f'relazzjoni ma' Ommis ghal madwar seba' snin fl-ahhar xhur tar-relazzjoni geghlha tipprostitwixxi ruhha, sawwatha, kien johdilha l-flus u hija kienet tibza' minnu. Eventwalment hija temmet ir-relazzjoni. L-imputat jichad l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu.

Wara li qieset il-provi kollha migjuba l-Qorti tqis li l-versjoni moghtija mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile hija veritiera ghalkemm l-imputat mhux se jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti se tghaddi ghalhekk biex titratta kull imputazzjoni.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi.

Ommis spjegat fid-dettal x'wassal biex hija spiccat tipprostitwixxi ruhha – geghlha l-imputat wara li kien refa' idejh fuqha. Dan sehh matul diversi xhur u tant l-imputat kellu kontroll fuqha li kien isegwiha, iwassalha, jixtrilha l-condoms huwa u hija riedet tibghatli li tkun lestiet wara kull klijent. Spjegat li hija kienet taghmel atti sesswali mal-klijenti u tat dettalji fejn kienet titlajja u tipprostitwixxi ruhha. Qalet li kien johdilha l-flus u tiddepozitahom u mid-dokumenti ezebiti tali depoziti jirrizultaw. Il-versjoni moghtija minnha dwar kif bdiet tipprostitwixxi ruhha giet korroborata minn Shanelle Farrugia. Id-difiza ppruvat tiskredita lil din ix-xhud billi allegat li hija kienet tressqet fuq rapport falz izda din baqghet biss allegazzjoni, u anki li ftehmet mal-parte civile dwar kif kellha tixhed hija biss allegazzjoni. Tant ix-xhieda taghha kienet konsistenti li snin wara x-xhieda taghha in kontro-ezami kkonfermat l-istess versjoni moghtija originarjament. Farrugia kkonfermat li kien l-imputat li gieghel lill-parte civile, li kien johdilha l-flus li minnhom kien ighaddi ammont lilha u kif ukoll li hija rat it-tbengil fuq Ommis. Tghid li hija ppruvat tifthilha ghajnejha imma din baqghet tittama.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Mill-provi prodotti din l-imputazzjoni ma tirrizultax li giet ippruvata.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Illi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 jiddisponi testwalment:

(1) "**Kull min, xjentement, ighix, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, jehel meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn**."

Illi imbaghad is-subartikolu 3 tal-istess artikolu tal-ligi jitkellem dwar ic-cirkostanzi li ghandhom jesistu sabiex persuna ghandha titqies li qed tghix minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni:

(3) **Persuna titqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tghix, ghal kollox, jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tghix jew soltu tkun ma' persuna li tezercita l-prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha hakma fuqha b'mod li juri li hija qieghda tghin, thajjar jew iggieghel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma' persuna jew ma' persuni ohra.**"

Il-versjoni ta' Ommis moghtija minnha u li saret referenza ghaliha aktar 'il fuq tinsab ikkoroborata wkoll mid-dokumenti ezebiti mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc. Referenza ghal Dok RA8[13] jirrizultaw diversi transazzjonijiet minn ATMs diversi izda b'mod predominanti dik tal-Mosta fejn b'mod regolari, jew a differenza ta' ftit jiem, wara l-ghaxra ta' filghaxija kienu qeghdin isiru diversi depoziti – ezempju, mit-2 ta' Mejju 2011 sal-ahhar ta' Mejju 2011 saru sittax-il depozitu li b'kollox wasslu ghal total ta' €2,245. Shanelle Farrugia wkoll ikkonfermat li l-imputat kien jiehu l-flus tar-rikavat tal-prostitizzjoni minghand il-parte civile u li kienu jigu depozitati u gieli anki lilha taha minnhom. L-imputat qal biss li ma jaf xejn dwar dawn id-depoziti. Gew ezebiti statements b'kontijiet bankarji tieghu. Ebda raguni plawsibbli ma rrizultat kif kienu qeghdin isiru dawn id-depoziti kollha b'mod tant frekwenti u x'kien is-sors taghhom. Il-Qorti hija konvinta li l-flus kienu originaw mix-xoghol tal-prostituzzjoni. Mhux bizzejjed li l-imputat cahad u li qal li kollox kien ihalli f'idejn l-gharusa tieghu. Dan meta huwa kien ikun maghha meta saru d-depoziti u mill-istess kontijiet bankarji jirrizultaw diversi withdrawals. La l-card kienet fuq ismu l-Qorti tifhem li kienet qed

[13] A fol 192 tal-process

tintuza' minnu u fi kwalunkwe kaz dejjem kellu access ghall-istess. Inoltre mill-istatement bankarju jirrizulta li l-flus kienu jidhlu fis-savings u li kien qed isir uzu minn parti minnha ghall—hajja ta' kuljum bhal per ezempju hwejjeg. Il-kont kien ighajjat lill-imputat u kwindi l-Qorti tifhem li l-uzu mill-kont kien qieghed isir mill-imputat.

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

Fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-Ligi.

**Il-Hames Imputazzjoni**

L-imputat innifsu jixhed li r-relazzjoni spiccat fis-17 ta' Lulju 2011. Ic-certifikat mediku ezebiet huwa datat 19 ta' Lulju 2011 u minnu jirrizulta varji griehi. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li kien l-imputat li kkawza l-griehi anki ghaliex dan irrizulta mix-xhieda tal-parte civile. Omm il-parte civile ukoll xehdet li rat diversi tbengil fuq bintha matul ix-xhur. U anki Shanelle Farrugia.

**Is-Sitt Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess parte civile li hija pprostitwiet ruhha ghaliex imgeghlha u kienet tibza' mill-imputat. Infatti hija xehdet li l-imputat mhux biss dakinhar tal-ewwel darba li nizlet tipprostitwixxi ruhha, izda kemm qabel dik id-data kif ukoll biex proprju tkompli twettaq dak ix-xoghol.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura u l-gravita' tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati tal-imputat, il-fedina penali tieghu fejn kien instab hati li kkawza hsara volontarja ghad-dannu ta' Cettina Mizzi l-ghada li ttermina r-relazzjoni mal-parte civile, u c-cirkostanzi tal-kaz. Tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal sentenza ta' prigunerija effettiva tenut kont tal-gravita' tar-reati li taghhom qed jinstab hati u kif ukoll ordni ghat-trazzin.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 205(b), 221(1), 251(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7(1)(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u tikkundannah ghall-piena ta' hmistax-il (15) xahar prigunerija effettiva li minnha jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz. L-imputat mhux qieghed jinstab hati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Ommis u l-familjari taghha ghal zmien tlett (3) snin millum.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**